

# IL-KNISJA TA' SAN ĠILJAN

## *ta' l-Isla*

Skond xi kittieba ta' l-Istorja l-Knisja ta' San Ġiljan li hemm l-Isla taf il-bidu tagħha fl-1311, aktar minn mitejn u għoxrin sena qabel il-miġja tal-Kavallieri f'Malta. Fis-sena msemmija, waħda mill-għoljiet li jidħlu ġo xulxin f'dik in-naħa li hi ftit metri 'l bogħod mill-baħar, kienet ġà magħrufa bħala l-Għolja ta' San Ġiljan. Madanakollu kien fi żmien il-Kavallieri li l-qaddis li rabat ismu ma' dik l-għolja beda jissemma mal-knisja. Skond Achille Ferris, il-knisja ta' San Ġiljan inbniet mill-ġdid fl-1539 mill-inġinier militari Fra Diego Perez de Melfreire mill-Prijorat tal-Portugall. L-għażla tal-qaddis titulari u s-sehem li kellu fl-ewwel snin ta' l-Ordni f'Malta issaħħaħ il-fehma li l-Kavallieri kienu jehdew fid-delizzju tal-kaċċa. Dik l-art peniżola fejn kien hemm u għad hemm il-knisja ta' San Ġiljan kienet art fertili bis-siġar, b'dehra ta' bosk li jiġbed lejh l-għasafar u t-tjur tal-passa. San Ġiljan kien l-għażla naturali biex jinħatar il-qaddis protettur tal-kaċċaturi kif għadu magħruf f'pajjiżi oħra li jħaddnu t-twemmin nisrani.


L-Għonnella
RESTAURANT

at

SPINOLA PALACE, ST. JULIAN'S

Tel. 2134 1027






## KITBA TA' CHARLES COLEIRO

Wara li fix-xhur ta' l-Assedju l-Kbir ta' l-1565 in-nies tal-belt il-ġdida ta' l-Isla kienu sabu kenn fit-talb taħt is-saqaf ta' din il-knisja, fl-1575 waqt żjara tal-Viżitatur Appostoliku, Mons. Pietro Dusina ried li San Ġiljan issir Viċi-Parroċċa tal-Birgu meta l-Isla kienet tagħmel ma' din il-parroċċa. Fil-mixja tas-snin f'din il-knisja, fl-1577 twaqqfet il-Fratellanza tas-Santissimu Sagrament u sa mis-sena 1588 beda jsir ukoll it-tagħlim ta' edukazzjoni sekondarja minn Dun Vincenz Caruana li aktar tard sar Kappillan ta' l-Isla. Din hawn min iqis li kienet l-ewwel skola ta' l-għamla tagħha f'Malta.

Fit-2 ta' Novembru 1624 l-Isqof Cagliares offra l-knisja ta' San Ġiljan lill-Patrijiet Agostinjani Skalzi u magħha kien ser jinbena kunvent iżda l-patrijiet baqgħu biss f'dawk l-inħawi għal sitt xhur u f'Mejju ta' l-1625 telqu mill-Isla. Fl-1699 il-Kappillan Dun Mikiel Testaferrata ried li l-Knisja tinhatt u tinbena mill-ġdid għaliex kienet ġarrbet ħsarat kbar fit-terremott li nħass f'dawn il-gżejjer fl-1693 li kien ukoll ġarraf 'il Katidral ta' l-Imdina, fost bini ieħor. Il-knisja tlestiet fl-1712 fuq pjanta ta' l-arkitett magħruf Lorenzo Gafà li ħalla l-bini tal-faċċata kif kien iddisinjaha Melfriere. Il-kwadru tal-qaddis li naraw illum hu xogħol Giovanni Battista Bonomo u sar flok ieħor iżgħar ta' Raimondo di Domenico li pitter fl-1699.



*L-artal maġġur armat għall-festa fil-Knisja ta' San Ġiljan ta' l-Isla*

Il-qima tan-nies ta' l-Isla u l-faraġ li nissel fost il-popolazzjoni, dan il-qaddis, hi minquxa ħajja fuq l-istess kwadru bil-kelmiet tal-profeta Isaija: *Protegam Civitatem Istam* li b'Malti li jifhmu kulħadd tfisser "*Jien se nħares lil din il-belt.*" Sa min meta kienet inbniet il-knisja parrokkjali ta' Marija Bambina, il-Madonna taħt it-titlu tal-Vitorja saret il-patruna ewlenija ta' din il-belt, iżda wara l-Bambina l-qaddis li n-nies ta' l-Isla kienu għażlu bħala protettur tagħhom biex iħarishom mit-tiġrib tal-ħajja huwa San Ġiljan. Kien mill-knisja li ġġib ismu li s-Sengleani ingħataw l-ewwel għajnuna spiritwali u l-ewwel sagramenti. Ir-riferenza għall-qaddis Ġiljan bħala 'patrun' ta' l-Isla tinsab fl-iskrizzjoni li tqiegħdet fis-sagristija meta nbniet flimkien mal-kampnar. It-traduzzjoni mil-latin li hemm fl-arkivji tal-parroċċa ta' l-Isla tinqara hekk:

"*Fi żmien meta Mons Pawlu Alpheran de Bussan kien isqof denn tad-djoċesi ta' Malta, saret din is-sagristija u nbena dan il-kampnar f'ġieh San Ġiljan, patrun tal-belt li ma ntrebħitx, fis-sena tal-fidwa 1729, meta Dun Fortunat Vella kien Kappillan, u Dun Ġużepp Cassano flimkien ma' Tumas Pacini kienu l-prokuraturi.*"

Mill-ewwel gebla li ħejjiet il-bini ta' din il-knisja saż-żminijiet ta' llum San Ġiljan ta' l-Isla ra l-bidliet li gab miegħu ż-żmien. L-akbar bidla gabitha l-aħħar gwerra dinjija meta l-bini ta' madwar il-knisja ġġarraf u ħalla lill-knisja waħidha f'nofs dik il-ħerba iżda mhux mingħajr ġriehi mill-istess blast tal-bombi. Il-knisja ta' San Ġiljan kellha wkoll ix-xorti li tilqa' taħt is-saqaf tagħha x-xbieha mirakoluża ta' Ġesù Redentur wara li nġiebet lura mill-Kolleġjata ta' Birkirkara fejn kienet ittieħdet għall-ħarsien mill-ħidma ta' l-għadu.

Kull sena fil-festa liturġika ta' San Ġiljan il-knisja tilbes ukoll il-libsa tal-festa bit-tiżjin li wieħed jara f'okkażjonijiet bħal dawn li ma jagħmlux għajb lill-knejjes bil-bosta akbar minnha. Fuq kollox f'dawn l-aħħar tliet snin sar restawrar estensiv tal-knisja minn ġewwa fosthom il-prospettiva stil barokk li ddawwar il-

kwadru titulari u l-istess kwadru li juri lill-Qaddis liebes l-armatura ta' kavallier u b'rabta ma' l-Isla, tidher fl-isfond xena panoramika tal-Forti San Mikiel u l-forti tal-faċċata ta' l-Isla, Forti Sant'Anġlu.

Il-knisja ta' San Ġiljan hija ħolqa wkoll mal-parroċċa ta' San Ġiljan u minn xi snin 'l hawn għadd ta' Ġiljaniżi jaqsmu għan-"naħa l-oħra" f'pellegrinaġġ ta' qima u ġieh li jfakkar il-jum liturġiku tal-Qaddis, nhar is-27 ta' Jannar. J'Alla dan il-pont li jgħaqqad iż-żewġ popli flimkien jibqa' jissaħħaħ u jikber minn sena għall-oħra.




RIFERENZI:

P.A. Bonnici, *L-Isla* Vol I u II;

Arkivji tal-Parroċċa ta' l-Isla "*Memorie Ecclesiastiche*" fol. 100;

A. Ferris, "*Memorie dell'Incito Ordine Gerosolimitano esistenti nelle isole di Malta, 1881*";

F. Mangion, "*Punti mill-Istorja*" fuljett dwar il-knisja ta' San Ġiljan.


# TIFKIRIET MILL-PASSAT......1



*F'dar-ritratt ġentilment misluf lilna minn Chris Micallef naraw il-Banda San Ġiljan waqt marċ fi Triq Grenfell (illum Ġorġ Borg Olivier). Nosservaw il-bandisti lebsin il-ġlekk u l-ingravata. Fost il-persuni li jidhru, jispikka s-Surmast Angelo Pullicino liebes bl-abjad u miexi quddiem il-Banda. Angelo Pullicino dam surmast tal-Banda mit-twaqqif tagħha fl-1927 sa l-1970.*
*Id-data tar-ritratt hija l-4 ta' Lulju fl-okkażjoni tal-Konsagrazzjoni tal-villaġġ tagħna lill-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù. Dak inhar tbierket l-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù mill-Arċisqof, Mons Mikiel Gonzi.*